FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 11 TA' LULJU 2017

Il-Pulizija

(Spettur Gabriel Micallef)

Vs

Darren Debono

Il-Qorti,

Rat l-imputazjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta tal-identita' numru 49474m akkuzat talli nhar il-25 ta' Jannar 2013 u fil-jiem ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer:

1. b'mezz kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz , jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ghal haddiehor, liema hsara tammonta ghal aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.39) u dan ghad-dannu ta' Gordon Debono u/jew Eleven Eighty Eight Limited (C 19763);

2. kif ukoll bi hsara ta' haddiehor ghamel qliegh b'qerq, liema hsara tammonta ghal aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.39) u dan ghad-dannu ta' Gordon Debono u/jew Eleven Eighty Eight Limited (C 19763);

3. sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula;

Il-Qorti mitluba illi f'kaz ta' htija, tapplika l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju mahrug mill-Avukat Generali;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Sabiex jirnexxu l-akkuzi kontra l-imputat, ghab-bazi tal-artikoli tal-ligi tal-Avukat Generali, l-prosekuzzjoni kien htiegiela tipprova l-'mise en scene' konsistenti f'artificji u raggiri li jissaraf fi qligh ghall-imputat bi hsara ta' haddiehor jew alternattivament li tipprova l-ingann adoperat mill-imputat biex jaghmel qligh ghalih bi hsara ta' haddiehor.

Il-fatti tal-vertenza huma li l-imputat f'isem socjeta' inkorporata f'Malta jisimha "Swordfish Limited" li dehret f'isem socjeta' bazata l-Libya, Tuboda Oil Services Limited, kienet dahlet fi ftehim ma' socjeta' wkoll inkorporata f'Malta jisimha "Eleven Eighty Eight Limited" fuq kompravendita ta' partita sigaretti tal-marka Malboro ghall-prezz totali ta' €315,000 li l-komoratur, is-socjeta' Libjana, kellha thallas u li effettivament sussegwentament halset, kwantu ghal €185,000 fis-16 ta' Jannar tal-2013 u l-bilanc ta' €130,000 gimgha wara (folio 36) . Mir-rendikont bankarju (folio 47) jirrisulta li l-ewwel imsemmi pagament sar fis-16 ta' Jannar 2013 u t-tieni fit-30 ta' Jannar tal-istess sena.

Jidher li l-prosekuzzjoni qeghdha tistrieh fuq il-fatt li xehed fuqu r-rappresentant tal-bank 'Banif' li fid-data tal-25 ta' Jannar, dejjem tat-2013, ic-cekk ma kienx jissarraf minhabba nuqqas ta' fondi fil-kont bankarju tas-socjeta' ta' liema jirrisulta l-imputat ghandu r-rappresentanza guridika. Ix-xhud jirrapresenta l-'Banif' ma kienx posizzjoni jesebixxi l-originali ta' dan ic-cekk li dwaru jghid li gie ritornat lill-bank 'APS' bir-rimarka "referred to drawer", allegazzjoni konstatabbli minn imkien anzi kontradetta mid-dok. Folio 45.

Irrispettivament, pero', mill provi huwa palesi li assolutament ma tirrizultax t-truffa fl-ebda element kostituttiv taghha u lanqas l-ingann bhala prova tar-reat alternattiv tal-frodi innominat u dan lanqas remotament mix-xhieda tal-kwerelant.

Jinghad dan, tiddisponi mill-kawza billi tiddikjara l-imputat mhux hati u tilliberah.

A.M.Trigona
Magistrat